**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 420/2016**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Walter Zammit**

Ilum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Walter Zammit, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 499748M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli f'dawn il-gżejjer u ċioe` fil-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2005, u l-31 ta' Jannar 2006, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa ta' ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar

xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn Lm1,000 bi ħsara ta' Maria Cassar detentriċi tal-karta tal-identità 560924M u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna tal-oġġetti, jew jiġbor depożitu, jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 167(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. Xjentement għamel użu minn ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra falsifikati, imsemmija fl-imputazzjoni (2) u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 169 tal-Liġijiet ta' Malta.
4. U aktar talli fl-istess data u lok, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe Pledge Forms li jappartjenu lil Bank of Valletta plc., billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 183 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
5. U aktar talli, fl-istess data u lok, xjentament għamel użu mill-istess att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat att, kitba jew skrittura falza hekk kif fuq imsemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 184 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Awwissu 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Walter Zammit ħati ta' l-ewwel imputazzjoni, illiberatu fuq l-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u kkundannatu għal tlett snin priġunerija. *In oltre*, astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-ħlas tal-esperti billi ma jirriżultax li kien hemm tali ħlas involut.

Rat ir-rikors tal-appellant Walter Zammit, ippreżentat fit-23 ta' Awwissu 2016, fejn talab lil dina l-Qorti:

1. Tvarja, tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Walter Zammit et, nhar il-11 ta' Awwissu, 2016 billi tilqa' dan l-appell u filwaqt illi (i) tikkonfermaha in kwantu ma sabitx ħtija dwar l-imputazzjonijiet bin-numri tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4) u ħamsa (5)

dedotti kontra l-appellant u li minnhom ġie liberat; (ii) tirrevokaha u tħassarha in kwantu sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentament tillibera lill-appellant anke minn din l-imputazzjoni;

2. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, fin-nuqqas, u ċioe' f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u tinfliġġi piena iktar idonea mhux waħda karċerarja u inqas ħarxa li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel u fit-tieni aggravji minnu ntentati, l-appellant jisħaq li huwa ma seta' qatt jinstab ħati tar-reat tal-frodi addebitat lilu u dana fuq zewġ binarji. Primarjament huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti rriteniet illi għalkemm irriżultalha illi kien l-appellant li wettaq l-falsifikazzjoni li wassal għall-ingann tal-vittma tiegħu, hija kienet prekluża milli ssib ħtija għal dan ir-reat u dan għaliex l-artikoli rilevanti tal-liġi li fuqhom huwa imsejjes ir-reat tal-falsifikazzjoni ma ġiex indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju. L-appellant għalhekk jisħaq li jekk wieħed jikkonċedi illi tabilħaqq l-appellant għamel il-falsifikazzjoni lilu addebitata, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, allura dan awtomatikament ifisser illi ma jistax jirriżulta r-reat ta' frodi billi huwa nieqes l-att materjal li jwassal għar-reita' konsistenti fl' hekk imsejħa *messa in xena*.

Illi minn qari taċ-ċitazzjoni jirriżulta illi l-appellant ġie mixli b'zewġ reati distinti minn xulxin u ċioe dawk tal-frodi u tal-falsifikazzjoni. Jidher madanakollu min-nota ta' rinviju għal ġudizzju ta'l-Avukat Ġenerali tal-10 ta' Mejju 2010 illi l-appellant intbagħat

biex jiġi iġġudikat fit-termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali għar-reat jew reati infraskritti f'dik in-nota u xejn iżjed. Dan kellu jfisser allura illi l-Ewwel Qorti, kif ġustament għamlet, ma setatx tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet l-oħra indikati fiċ-ċitazzjoni, u l-ġudizzju tagħha kellu jkun limitat għal dawk ir-reati indikati fl-istess nota. Errat l-Ewwel Qorti unikament fejn għaddiet biex illiberat lill-appellant mill-imputazzjonijiet li ma ġewx indikati fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju billi ġaldarba dawn ġew ommessi mill-imsemmija nota, l-Ewwel Qorti, kif ingħad, kellha tgħaddi biex tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni ta'l-istess u ma tagħmel ebda pronunzjament fir-rigward. Illi ir-reat tal-frodi u dak tal-falsifikazzjoni huma żewġ reati għal kollox separati u distinti u għalhekk ma jistax jingħad illi dawn ir-reati huma kompriżi u involuti, jew li jikkostiwixxu xi reat minuri 'il wieħed għall-ieħor. Lanqas jista' jingħad illi 'il wieħed huwa alternattiv għall-ieħor.

Illi, huwa ben risaput li sabiex akkużi jew imputazzjonijiet jinqraw bħala li huma alternattivi għal xulxin dawn iridu jkunu kontradittorji fattwalment jew legalment, biż-żewġ reati jeskludu wieħed lill-ieħor. Fis-sentenza fl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs Carmelo Farrugia u Patrick Farrugia</u>" ġie ritenut illi -

> **Biex reat jista' jitqies li hu kompriz u involut f'iehor, l-ingredjenti kollha ta' l-ewwel wiehed iridu jkun jinsabu fir-tieni wiehed. Kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei fir-rigward ta' dak li jsejjahlu "reato complesso in senso lato", ikun hemm din il-figura ta' reat "quando un reato, in tutte o in alcune delle ipotesi contemplate nella norma incriminatrice, contiene in se` necessariamente altro reato meno grave".**

Illi għalhekk, ġaladarba ir-reati ta' frodi u ta' falsifikazzjoni huma magħmulin propju minn ingredjenti distinti minn xulxin, l-argument tal-appellant li ġaldarba il-Qorti iddikjarat illi kien jirriżulta illi l-appellant ikkometta falsifikazzjoni ta' firma fuq il-*pledge forms* mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa ma setax jinstab ħati tar-reat tal-frodi ma għandu ebda bażi fil-liġi. Fuq kollox il-fatt waħdu li l-appellant ippreżenta lil bank formoli li dehru li ġew magħmula bil-kunsens tal-garanti hemmhekk indikata u

awtentikati quddiem uffiċjal pubbliku, meta dan ma kienx il-każ billi l-firma ma kenitx dik tal-garanti iżda kienet firma iffalsifikata, tikkostitwixxi dik il-messa in xena adoperata mill-appellant sabiex jagħmel qliegħ għalih innifsu meta ippreżenta dawn il-formoli lil bank u induċieh sabiex jagħtih il-kreditu li kellu bżonn.

Illi l-appellant jikkontendi inoltre illi mill-provi prodotti ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi l-imputazzjoni tal-frodi fil-konfront tiegħu. Huwa jisħaq, fost affarijiet oħra, illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib prova tat-telf patrimonjali tal-parti leża bil-konsegwenti qliegħ għalih. Illi l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tagħmel evalwazzjoni tal-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u jekk dan kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta illi dan il-każ ra il-bidu tiegħu wara kwerela li saret minn ċertu Anton Cassar f'isem iz-zija tiegħu, Maria Cassar. Cassar kien filfatt stqarr, kemm mal-Pulizija kif ukoll *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, illi huwa kellu prokura f'isem iz-zija tiegħu u dana għaliex hi kienet mara anzjana u kienet filfatt qegħdha tgħix ġewwa id-dar residenzjali Villa Messina u għaldaqstant kienet limitata fil-movimenti tagħha. Anton Cassar kien kompla jistqarr li darba fost l-oħrajn, kien mar il-Bank of Valletta tal-Balluta sabiex jivverifika l-kontijiet bankarji ta' zitu, fejn hemmhekk tkellem mal-*Branch*

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

*Manager* Hubert Camilleri, li minn naħa tiegħu kien infurmah li ż-żewġ kontijiet bankarji appartenenti lil zija tiegħu kienu ġew miżmuma u mwaqqfa minħabba zewġ *pledge forms* li saru fuqhom datati 27 ta' Novembru 2005 u 17 ta' Jannar 2006 fl-ammont ta' Lm20,000 u Lm6,000 rispettivament, liema *pledge forms* kienu qed jagħmlu tajjeb għall-kreditu konċess lill-kumpanija WOLTZ LIMITED. Irriżulta li dawn l-istess *pledge forms* kien ippreżentahom lill-Bank ċertu Patrick Meli, ko-akkużat mal-appellant li ġie illiberat mill-Ewwel Qorti, u li l-istess kienu ġew awtentikati minn Nutar Antoine Agius. Irriżulta ukoll mill-provi illi l-appellant, fil-presenza taz-zija tiegħu Maria Cassar u ta' Anton Cassar, meta rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni kien ammetta li l-garanziji kien għamilhom hu u li ma kienx ġie awtorizzat jagħmel dan mill-parti offiża. Illi *di piu'* mir-reġistru tal-viżitaturi miżmum ġewwa Villa Messina irriżulta illi l-appellant Zammit kien mar iżur lill-parte ċivile darbtejn – fis-26 ta' Ottubru 2005 u fit-2 ta' Novembru 2005, u wkoll illi n-Nutar Antoine Agius u Patrick Meli qatt ma żaru lil Cassar ġewwa Villa Messina. Illi, finalment, għalkemm Maria Cassar qatt ma ħadet il-pedana tax-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti, jirriżulta mill-provi prodotti li hi dejjem innegat li ffirmat xi *pledge forms* u wisq anqas tat il-kunsens tagħha għall-istess. L-Ex Spettur Kevin Borg stqarr quddiem l-Ewwel Qorti li meta kellem lil Maria Cassar, "*minkejja l-eta' tagħha, dina l-anzjana kienet tidher luċida ħafna. Hija sostniet li l-appellant jiġi minnha izda lil Patrick Meli ma tafux. Dwar il-kwistjoni hija sostniet li ma kienet taf xejn u li qatt ma iffirmat jew tat xi kunsens biex il-kontijiet bankarji tagħha jiġu bblokjati*". Dan huwa kkorroborat ukoll mix-xhieda ta' Hubert Camilleri li l-Bank kien irċieva kemm ittra kif ukoll telefonata mingħand Maria Cassar fejn din ċaħdet b'mod kategoriku illi qatt iffirmat xi *pledge forms* jew tat xi kunsens sabiex l-kontijiet bankarji tagħha jservu bħala forma ta' garanzija. Tikkonferma wkoll f'ittra, ippreżentata fl-atti, illi: "*Walter Zammit ikkonferma miegħi li kien hu li rranġa kollox mingħajr jiena ma kont naf b'xejn u mingħajr il-kunsens tiegħi*".

Illi fuq kollox ir-rapport mħejji mill-espert tal-kalligrafija maħtur mill-Qorti Dr Martin Bajada, ineħħi kwalunwke dubbju fir-rigward tal-awtentiċita' tal-firem magħmula fuq

id-dokumenti inkriminatorji, liema espert wara li analiżża l-*pledge forms* u d-dokumenti l-oħra ezebiti, ikkonkluda illi *"...l-evidenza hija tali li huwa eskluz li kienet Maria Cassar li ffirmat dawn id-dokumenti"* u li *"il-firem allegatament ta' Maria Cassar huma simulazzjoni tal-firma ta' Maria Cassar"*. Tali konkluzjoni ma kinitx ikkontestata mill-partijiet, inkluż l-appellant, hekk kif evidenzjat mill-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2016.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Ewwel Qorti għamlet esposizzjoni erudita tal-aspetti legali u l-ġurisprudenza marbuta mar-reat tal-frodi u a skans ta' repetizzjoni din l-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament ġuridiku hemmhekk espost. L-appellant jikkontesta s-sejbien ta' ħtija billi jisħaq illi ladarba irriżulta l-falsifikazzjoni allura l-appellant seta' biss jinstab ħati għal dan ir-reat u mhux għal dak tal-frodi, u ukoll illi l-parti offiża ma sofriet ebda telf patrimonjali sabiex b'hekk kemm l-element tal-messa in xena u allura l-att materjali huwa nieqes kif ukoll huwa nieqes l-element tat-telf patrimonjali għal vittma konsegwenzjali għall-uzu ta' ingann jew raġġiri.

Issa huwa indubitat illi l-appellant uża dak l-apparat estern li titkellem dwaru il-ġurisprudenza sabiex isaħħaħ il-fehma fil-menti tal-iffrodat li wasslu biex jagħtih fiduċja u jikkonċedielu il-kreditu mitlub. Illi, dwar l-artifizzji intqal illi:

> **"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "*quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.*"** [2]

Illi, ukoll, għar-reati ta' truffa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, l-istess Qorti iċċitat lill-Imħallef Guze Flores fejn qal illi –

---

[2] Il-Pulizija vs Charles Zarb – App. Inferjuri - 1993

**...kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.**

**....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tarreat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.**

Illi, għalhekk sabiex jissussisti r-reat tal-frodi hemm bzonn illi jeżistu:

"***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente**.*" (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)

Illi, għar-rigward ta' dana l-element soġġettiv tar-reat tat-truffa, kif ġie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Patrick Spiteri", deċiza fit-22 t'Ottubru 2004) –

***L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato.***

Illi, in oltre, a rigward dak li jikkonċerna it-telf patrimonjali, f'sentenza mogħtija mill-Cassazione Sez.Un.16.12.1998, ġie stabbilit illi –

> ***Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell'autore abbia fatto seguito la diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell'ingiusto profitto puo comprendere in se qualisiasi utilita' anche a carattere non strettamente economico, l'elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene.***

Illi mill-provi prodotti, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, tirriżulta ampjament il-messa in xena li kkomplotta l-appellant sabiex jikseb vantaġġ għas-soċjeta' minnu ġestita, u dana tramite' id-dokumenti ffalsifikati sabiex jingħataw faċilitajiet bankarji. Dan seħħ meta' l-appellant ħa vantaġġ mill-vulnerabbilita' ta' mara anzjana u li kieku ma kienx għan-neputi tagħha li kixef dak li kien għaddej, l-ingann kien jibqa' jiġi ipperpetrat, bl-anzjana issofri telf patrimonjali meta ma setatx tagħmel użu mill-patrimonju tagħha u ċioe' mill-flus li kellha iddepożitati fil-bank. Illi allura l-appellant m'għandux raġun meta jisħaq illi l-parti offiża ma sofriet ebda ħsara patrimonjali u dan għaliex Cassar għamlet perijodu ta' zmien mingħajr aċċess liberu għall-finanzi tagħha u dan minħabba l-aġir frawdolenti tal-appellant, tant illi fl-eventwalita' li l-appellant jew is-socjeta minnu ġestita ma setgħux joneraw l-obbligi bankarji minnhom assunti, il-parti leża kienet ser tagħmel tajjeb bil-flus tagħha mal-Bank. Illi il-fatt illi l-appellant ħeles lil Maria Cassar mill-garanzija li biha kienet marbuta minħabba l-aġir frawdolenti tiegħu jista' jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti unikament fl-ikkalibrar tal-piena billi r-reita' xortawaħda tirriżulta ppruvata.

Illi, ukoll l-appellant isostni li hu ma għamel l-ebda qliegħ mill-aġir frawdolenti minnu adoperat. Jgħid ukoll li qatt ma kien hemm ebda trasferiment ta' ishma lil Patrick Meli, li "*kien u baqa' l-uniku azzjonist tal-kumpannija Woltz Limited*". Dan m'huwiex minnu. Mill-*Memorandum and Articles of Association* tas-soċjeta' Woltz Limited (C34187) eżebit in atti, jirrizulta ċar minn "*Extraordinary Resolution*" datata 5 ta' Mejju 2005 li l-appellant

kien trasferixxa l-ishma kollha tiegħu lill-Patrick Meli, kif ukoll irrizenja mill-kariga tiegħu ta' *Chairman*, Direttur u rapprezentant legali ta' l-istess soċjeta', liema kariga kien ilu jokkupa mit-23 ta' Ġunju 2004. Dan l-aġir kien fil-fehma tal-Qorti parti mir-raġġiri minnu adoperat, fejn peress li l-appellant kellu legami familjari mal-vittma, ma riedx li l-istess tkun evidenti meta jingħataw id-dokumenti neċessarji lill-Bank sabiex iwettaq l-messa in xena minnu ikkomplottata. Fil-fatt jidher illi huwa xortawaħda baqa' involut fil-ġestjoni tas-soċjeta', tant illi meta Patrick Meli ġie avviċinat mill-*Branch Manager* tal-Bank of Valletta dwar l-akkadut, malewwel tenna li kien ser ikellem lill-"*partner*" tiegħu Zammit dwar l-istess. L-appellant jgħid li dan id-diskors mhuwiex ammissibbli bħala prova stante illi jikkostitwixxi 'l hekk imsejjaħ *hearsay evidence.* Dan mhuwiex minnu stante illi ix-xhud Hubert Camilleri, manager tal-Bank isostni illi dan id-diskors sar fil-presenza tiegħu u ingħad direttament lilu. *In oltre*, tant l-appellant kien il-perċimes wara dan l-ingann li filfatt, wara li Patrick Meli kellmu, kif propju qal li ser jagħmel lill-*Branch Manager*, l-appellant kien saħansitra mar il-Bank hu stess u pprova jbenġilha li l-vittma kienet probabbilment insiet li kienet iffirmat il-*pledge forms* in kwistjoni. Ukoll, ma jistax jintesa l-fatt li Zammit stess ammetta mal-vittma, fil-presenza ta' Anton Cassar, li l-garanziji kien għamilhom hu allavolja huwa ma kienx ġie awtorizżat miż-żija tiegħu.

Għaldaqstant, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għad-deċizjoni li waslet għaliha fis-sentenza impunjata u għalhekk qiegħda tiċħad l-ewwel u t-tieni aggravji mressqa mill-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolati l-ewwel zewġ aggravji tal-appellant, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ta' tlett snin priġunerija. Illi jibda biex jingħad illi l-piena għar-reat li dwaru l-appellant ġie misjub ħati rat żieda permezz ta'l-Att XXIV tal-2014 u allura hija il-piena viġenti fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat li hija applikabbli u cioe' dik li daħħlet fis-seħħ permezz

ta'l-Att III tal-2002 u ċioe' il-piena tal-priġunerija ta' bejn tlettax-il xahar u seba' snin, kif tajjeb issenjalat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Illi jidher li l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti teroga l-piena ta' tlett snin priġunerija kien iż-żmien twil li damu il-proċeduri sakemm ġew magħluqa, liema dewmien kien attribwibbli fil-maġġior parti lill-appellant u l-fatt illi huwa diġa kellu preċedenti penali għall-istess reat li dwaru ġie misjub ħati. Illi għalkemm ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*", madanakollu ma jidhirx illi fil-konsiderazzjonijiet dwar il-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak stabbilit fl-artikolu 337(1) tal-Kodiċi Kriminali[3]. Dan magħdud għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi ġaldarba l-appellant kien irrisarċixxa d-danni kollha subiti mill-parti offiża[4] qabel ma bdew mexjin 'il quddiem il-proċeduri odjerni kontra tiegħu, għalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-liġi, madanakollu din għandha tiġi ridotta b'dan illi l-Qorti hija tal-fehma illi stante dawn iċ-ċirkostanzi proċesswali l-appellant għandu jibbenefika minn sentenza alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellant ħati ta'l-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u fejn illiberatu mill-kumplament tal-imputazzjonijiet, iżda tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 28A u 337(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-appellant għal perijodu ta' sentejn priġunerija liema perijodu ta' priġunerija bl-**

---

[3] 337.(1) Fil-każ ta' frodi, il-piena stabbilita titnaqqas bi grad jew b'żewġ gradi, kemm-il darba l-ħati, qabel ma tibda titmexxa xi proċedura kriminali kontra tiegħu, jrodd għal kollox il-ħsara kkaġunata bir-reat.

[4] Ara verbal tas-seduta tal-04 ta' Settembru 2007 a fol.10 tal-proċess

**applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali għandu jiġi sospiż għal żmien erba' snin mil-lum.**

**Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-appellant iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma ta' €247.80 konsistenti fi spejjez marbuta man-nomina tal-espert mediku Dr. Mario Scerri[5] li l-Qorti kienet kostretta taħtar sabiex tassigura l-presenza tal-appellant fil-Qorti wara bosta differimenti minħabba in-nuqqas ta' dehra tiegħu illi kienu qed jistultifikaw dawn il-proċeduri ta' reviżjoni.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[5] Fol.277